# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 39**

**Avviz numru 410/99/SM**

**Mediterranean Technical Services Limited.**

**vs**

**John Axisa**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u erbgha u sittin centezmi (LM312.64,0), bilanc ta' somma akbar, import ta' xogholijiet ta' tiswija ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut kif jirrizulta minn tlett invoices numri SM/6479, SM/6480 u SM/6559 annessi u mmarkati Dok. A, B, u C, u ghal liema xoghol is-socjeta' attrici ghada ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar, 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-invoices kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet datata s-26 t'April ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kawza tax-xogholijiet ta' tiswija msemmija fl-avviz, kien proprju x-xoghol u servicing hazin u zbaljat antecedenti da parte tas-socejta' attrici;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illil-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi jirrizulta li bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut kien hemm relazzjoni kommercjali twila bejniethom stante li din is-socjeta' kienet installat impjant ta' "reverse osmosis" fil-proprjeta' tal-konvenut u kienet ukoll tiehu hsieb il-manutenzjoni u riparazzjoni ta' l-istess;**

2. **Illi s-socjeta' attrici ssostni li kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura stante illi l-manutenzjoni u riparazzjoni maghmula fuq l-imsemmi impjant ma giex imhallas mill-konvenut;**

**3. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici gie suddiviz bil-mod segwenti:**

**a. Dok. "A":**
**LM8.20,0 ghal xoghol maghmul fuq il-pompa ta' l-impjant;**

**b. Dok. "B":**
**LM91.67,0 rigward problema fil-"boiler" ta' l-impjant stante li inbidlet il-pompa ta' l-istess impjant;**

**c. Dok. "C":**
**LM212.77,0 rigward manutenzjoni u tindif prejodiku ta' l-impjant;**

**4. Illi s-socjeta' attrici ssostni li l-konvenut qatt ma ilmenta rigward ix-xogholijiet li saru fuq l-impjant in dizamina;**

**5. Illi pero' l-konvenut isostni li l-impjant de quo sploda f'Marzu ta' l-1998;**

**6. Illi teknici tas-socjeta' attrici irriparaw il-hsarat minnufih;**

**7. Illi l-konvenut isostni li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut ghall-"manutensjoni u riparazzjoni regolari" ta' l-impjant izda ghall-okkazzjoni straordinarja ta' l-ispluzjoni fuq riferita u ghalhekk qed jirrifjuta l-pagament;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-pompa, li hi l-fulkru tar-rizoluzzjoni tal-kaz odjern, kienet splodiet u kienet giet sostitwita bl-intervent tal-impjegati tas-socjeta' attrici stess;**

**Illi huwa pacifiku li kein hemm spluzjoni fl-impjant de quo u li s-socjeta' attrici rriparatu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi huwa principju assodat li "casus sentrit domino" u s-socjeta' attrici ghandha dritt tigi risarcita ghall-ispejjez**

**minnha inkorsi biex tirripristina l-impjant fl-istat originali tieghu u ghandha wkoll dritt tigi mhallsa gustament ghax-xoghol ta' manutenzjoni u riparazzjoni minnha kondott;**

**Ghaldaqstant , tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut John Axisa u tikkundanna lil-istess konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u tnax-il Lira Maltin u erba' u sittin centezmu, (LM312.64,0), bilanc minn somma akbar, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**